MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Mandat Numru. 822/2007/1

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 822/07 fl-ismijiet:**

**Dr. Ann FENECH kif debitament awtorizzata bħala mandatarja għan-nom u in rappreżentanza ta' Island Bunker Oils Limited**

**vs**

**S & D YACHTS LTD. aġenti tal-Motor Yacht *Enigma*, għan-nom u in rappreżentanza tas-sidien talMotor Yacht *Enigma*; u l-Avukat Dr. Richard Sladden u l-P.L. Veronica Rossignaud b'degriet tal-Qorti tas-26 ta' Marzu, 2007, nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjeta' estera National Fuelling S.r.l.; u l-Avukat Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Liliana Buħaġiar b'degriet tas-17 ta' April, 2007, nominati kuraturi sabiex jirrappreżentaw lis-soċjeta' estera Wake Marine Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-1 ta’ Ġunju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ir-rikorrenti *nomine* talbet lill-Qorti tordna li l-intimati m’għandhom bl-ebda mod imissu jew jiddisponu minn kampjun ta’ *gas oil* li ttieħed mill-jott *Enigma* waqt li dan kien qiegħed jingħata konsenja ta’ żejt f’Settembru tal-2006, u li bħalissa jinsab f’idejn l-intimata S & D Yachts Limited;  milli b’xi mod irodduh lura jew jibagħtuh lil xi terza persuna, imqar lis-sidien tal-jott;  milli jħalluh jinġarr jew jittieħed ’il barra mill-uffiċċju fejn jinsab, jekk mhux bi qbil bejn kulħadd jew b’ordni ta’ Qorti, u dan biex jittieħed f’laboratorju biex ikun analiżżat;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta’ Ġunju, 2007, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, u ordnat in-notifika lill-intimata u lill-Kuraturi Deputati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata S & D Yachts Limited fil-5 ta’ Ġunju, 2007, li biha laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet li m’hijiex il-persuna leġittima li kontriha mesu ntalab il-ħruġ tal-Mandat għaliex m’għandhiex il-kwalita’ rappreżentativa li tissemma fir-rikors.  Laqgħet ukoll billi qalet li l-artikolu 836(5) tal-Kodiċi jżomm milli tista’ terġa’ tintlaqa’ talba għall-ħruġ ta’ Mandat kawtelatorju ieħor wara li jkun tħassar wieħed qablu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kuraturi Deputati f’isem l-intimata National Fuelling S.r.l. fis-6 ta’ Ġunju, 2007, li biha laqgħu għall-proċedura billi qalu li jmissha saret notifika diretta lill-kumpannija barranija kostitwenti tagħhom u dan skond ir-Regolament 1348/2000 tal-Kunsill Ewropew.  Laqgħu wkoll billi qalu li l-ħruġ tal-Mandat huwa għal xejn u dan għaliex kampjun tal-*gas oil* diġa’ jinsab għand l-intimata S & D Yachts Limited.  Qalu wkoll li m’humiex edotti mill-fatti u ħallew riżerva li jressqu risposta ulterjuri hekk kif iseħħilhom jieħdu l-fehma tal-assistita tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kuraturi Deputati f’isem l-intimata Wake Marine Limited fit-12 ta’ Ġunju, 2007, li biha qalu li m’humiex edotti mill-fatti;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2007, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-lum;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-għan tar-rikorrenti *nomine* huwa dak li tassikura li bl-ebda mod m'għandu jitbagħbas, jintrema jew jinġarr kampjun ta' *gas oil* li ttieħed mill-jott intimat waqt li dan saritlu fornitura ta' *gas oil* f'Malta, fuq talba tas-sidien tiegħu, meta dan daħal fil-Port il-Kbir f'Settembru li għadda[1]. Ir-rikorrenti *nomine* tgħid li hija għad fadlilha titħallas mingħand sidien tali jott għall-imsemmija fornitura ta' *gas oil*, iżda s-sidien tagħha qegħdin jgħidu li l-*gas oil* fornit kien imħallat bl-ilma u ma jridux iħallsu. Ir-rikorrenti *nomine* tgħid ukoll li s-sidien tal-jott ma jridux li l-kampjun miżmum jittieħed f'laboratorju għall-analiżi, kif titlob il-prattika f'dan il-qasam;

Tqis li dwar l-istess pretensjonijiet, ir-rikorrenti *nomine* kienet diġa' talbet u kisbet fis-7 ta' Frar, 2007[2], Mandat ta' Inibizzjoni dwar l-istess kampjun, imma, fuq talba li kienet saret mill-intimata S & D Yachts Limited b'rikors imressaq fil-5 ta' Marzu, 2007, din il-Qorti kienet tat degriet fis-17 ta' April, 2007[3], li bih ħassret il-Mandat *in parte*. Fit-12 ta' Marzu, 2007, ir-rikorrenti *nomine* fetħet kawża[4] b'Rikors Maħluf kontra l-intimati biex tfittex id-drittijiet imsemmija fil-Mandat. Jidher li l-intimati kollha jafu b'din il-kawża u diġa' ressqu fiha l-atti ġudizzjarji li jfissru l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom;

---

[1] Dok "AF3", f'paġ. 12 tal-atti
[2] Inib. Nru, 177/07
[3] Paġġ. 17-9 tal-atti
[4] Rik. Nru. 276/07AL

Tqis li t-talba tal-lum hija maħsuba biss biex tassikura li ma jsir xejn bl-imsemmi kampjun f'każ ta' xi ekwivoku li seta' nħololq bl-imsemmi degriet tas-17 ta' April, 2007;

Tqis li dwar l-"eċċezzjonijiet" ta' xejra proċedurali preliminari mressqin mill-intimata S & D Yachts Limited u l-Kuraturi ta' National Fuelling S.r.l., dawn m'humiex ammissibbli f'din l-istanza. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[5]. L-ebda waħda miż-żewġ "eċċezzjonijiet" ma tallega dan;

Tqis li mhix mistħoqqa l-oġġezzjoni tal-intimata S & D Yachts Limited li t-talba tal-lum ma tistax tintlaqa' minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 836(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex, bis-saħħa tad-degriet mogħti fuq talba tal-istess intimata, nħolqot ċirkostanza ġdida li tiġġustifika l-ħruġ tal-Mandat kif mitlub;

Tqis ukoll li ż-żewġ rekwiżiti mitluba mill-artikolu 873(2) tal-Kap 12 jirriżultaw murija b'mod soddisfaċenti u l-preġudizzju li jista' jinħoloq lir-rikorrenti *nomine* jekk kemm-il darba dak mitlub fir-Rikors tagħha ma jintlaqax x'aktarx ikun wieħed irrimedjabbli għall-finijiet tal-aspett probatorju meħtieġ fil-kawża li hija bdiet dwar dan il-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba** u tordna l-ħruġ tal-Mandat fit-termini kif mitluba, bl-ispejjeż kontra l-intimati; u
**Tiddikjara** li, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, l-kumpannija rikorrenti għandha titqies li diġa' ressqet b'kawża l-pretensjonijiet li hija trid tħares b'dan il-Mandat u dan bis-saħħa tar-Rikors Maħluf imressaq minnha fit-12 ta' Marzu, 2007.

Mogħti kameralment illum, 26 ta' Ġunju, 2007.

---

[5] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------